



Brussell, 10 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15235/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0407(NLE)

ENER 426
RELEX 1061
COWEB 171
COEST 249

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14895/18 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija - Approvazzjoni

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq fit-28 ta' Novembru 2018. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija tal-4 ta' Diċembru 2018, id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar is-sustanza tal-proposta. Minħabba li l-proposta tikkonċerna estensjoni tal-mandat tad-Direttur u d-deċiżjoni li jiġi estiż il-mandat tad-Direttur diġà ttieħdet mill-Komunità tal-Enerġija fil-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tagħha fid-29 ta' Novembru 2018, hu biżżejjed li l-Kunsill jikkonferma l-qbil tiegħu.
2. Suġġett għal konferma mill-COREPER, il-Kunsill mistieden jikkonferma li jaqbel mad-Deċiżjoni meħuda mill-Komunità tal-Enerġija, fuq il-bażi tad-dokument kif jinsab fl-Anness.

ANNESS

Proposta għal

Att Proċedurali tal-Kunsill Ministerjali dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija

Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

Wara li kkunsidra t-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, u b'mod partikolari l-Artikoli 69 u 88 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill Ministerjali biex jestendi l-mandat tas-Sur Janez Kopac bħala Direttur tal-Komunità tal-Enerġija;

Wara li kkunsidra l-partiti II.1 u II. 5 tar-Regoli għar-Reklutaġġ, il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u l-Ekwilibriju Ġeografiku tal-Persunal tas-Segretarjat, kif adottati bid-Deċiżjoni 2006/02/MC-EnC tas-17 ta' Novembru 2006 tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kunsill Ministerjali jestendi l-mandat tas-Sur Janez Kopac bħala Direttur tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija mill-1 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 2

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tad-Direttur għandhom jiġu ddeterminati mir-Regolament tal-Persunal fil-verżjoni l-aktar reċenti tiegħu. Ir-remunerazzjoni grossa annwali tad-Direttur hija ffissata għal EUR 168,042.96 li hija r-remunerazzjoni tal-mandat tiegħu kif estiż fl-2015 u adattata skont aġġustamenti inflazzjonarji.

Artikolu 3

Is-Segretarjat għandu jagħmel dan l-Att Proċedurali disponibbli lill-Partijiet u l-istituzzjonijiet kollha skont it-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija fi żmien sebat (7) ijiem wara l-adozzjoni tiegħu.

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill Ministerjali:

Il-Presidenza
